**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**PAATA TSERTSVADZE**

**Illum, 7 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PAATA TSERTSVADZE**, detentur tal-permess ta' residenza Maltija MT7246269 gie imressaq quddiemha u akkuzat talli nhar l-24 ta' Settembru 2018 fil-hin ta' bejn 14:00hrs u 16:00hrs gewwa l-Birgu:

1. Ikkommetta serq ta' zraben ta' valur li jecedi €232.94 izda mhux iktar minn €2,329.37 minn qoffa tal-qasab li kienet biswiet il-yacht 'Synthesis 66' liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ghad-detriment ta' Kevin P Johnson u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lil Paata Tsertsvadze sabiex ihallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Qorti rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih u illi kkonferma l-htija anke wara li nghata hin biex jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha, inkluz il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta kif ukoll l-ammissjoni bikrija tieghu;

Rat ukoll li l-imputat irrestitwixxa l-maggor parti tal-hwejjeg misruqa lill-parti offiza u li z-zewg oggetti l-ohra li ghadhom ma gewx ritornati qeghdin fil-pussess ta' terzi;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti in vista tal-ammissjoni tal-imputat ma tistax hlief issibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda, wara li hadet qies tac-cirkostanzi kollha, inkluz il-fatt li, ghalkemm is-serq li tieghu l-imputat huwa hati huwa aggravat bil-valur, huwa rritorna lis-sidien bosta mill-hwejjeg misruqin kif jirrizulta mir-ricevuta Dok. EH5, kif ukoll il-fedina penali netta tieghu, hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata piena li toqrob lejn il-minimu.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib u tiddikjara lil PAATA TSERTSVADZE hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ta' sitt xhur,

izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tmintax-il (18) xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Billi ma nhatru ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat.**